

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 807/2013

tas-26 ta' Awwissu 2013

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għal dak li jirrigwarda l-istħarriġ ta' prezzijiet ta' ċerti annimali bovini fis-swieq rappreżentattivi tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2273/2002 ⁽²⁾ ma jirriflettux aktar is-sitwazzjoni attwali tar-reġistrazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq ikkonċernati tal-Unjoni. Jinħtieġ li r-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-prezzijiet jinġiebu f'konformità mal-ħtiġijiet tas-settur taċ-ċanga. Ir-Regolament (KE) Nru 2273/2002 għandu għalhekk jiġi mħassar u sostitwit.
- (2) Sabiex ikollna stampa sħiħa tas-sitwazzjoni fis-suq f'kull ħin, jinħtieġ li jkunu magħrufa l-prezzijiet ta' ċerti kategoriji ta' annimali bovini ħliet daww koperti mir-reġistrazzjoni tal-prezzijiet skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 ⁽³⁾.
- (3) Sabiex titjieb il-preċiżjoni tad-dejta, għandhom isiru provvedimenti għall-istħarriġ tal-prezzijiet tal-għoġġiela maskili li jkollhom bejn tmint ijiem u erba' ġimgħat, għal bovini mhux imsemmna li għandhom aktar minn sitt xhur imma inqas minn sentejn u għoġġiela maqtula fl-eż ta' inqas minn tmien xhur. Għaldaqstant, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar l-informazzjoni li għandha tkun ipprovduta għall-istħarriġ tal-prezzijiet għal kull wieħed minn daww il-kategoriji tal-annimali bovini.
- (4) Għandhom jiġu stabbiliti l-Istati Membri b'sehem importanti fil-produzzjoni u l-kummerċ ta' daww il-kategoriji differenti ta' annimali bovini u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minnhom għall-istħarriġ tal-prezzijiet ta' kull waħda minn daww il-kategoriji.
- (5) Il-prezz irreġistrat fis-swieq rappreżentattivi tal-Unjoni għandhom jittieħdu bħala medja tal-prezzijiet tal-annimali bovini kkonċernati fis-suq jew swieq rappreżentattivi ta' kull Stat Membru. Din il-medja għandha tkun korretta skont il-koeffiċjenti li jesprimu d-daqs relattiv tal-popolazzjoni rilevanti tal-bovini ta' kull Stat Membru għal kull kategorija kkummerċjalizzata f'perjodu ta' riferenza.
- (6) Sabiex jinkisbu prezzijiet komparabbli tal-kategoriji tal-annimali bovini kkonċernati fl-Unjoni, jinħtieġ li jsiru provvedimenti biex ir-reġistrazzjoni tal-prezzijiet ikun jirreferi għal stadju ta' kummerċjalizzazzjoni definit sew ibbażat fuq il-kwotazzjonijiet li jeskludu t-taxxa fuq il-valur miżjud.
- (7) Barra minn hekk, il-preżentazzjoni ta' referenza tal-Unjoni għall-karkassi tal-għoġġiela maqtula għandha tiġi determinata. F'dak il-kuntest, huwa xieraq li jkun hemm provvedimenti biex ċerti fatturi korrettivi jiġu speċifikati mill-Istati Membri biex il-preżentazzjonijiet li jużaw għall-preżentazzjoni jiġu aġġustati skont dik ta' referenza tal-Unjoni.
- (8) Għandu jiġi magħżul is-suq jew is-swieq rappreżentattivi għal kull Stat Membru. Fejn hemm iktar minn suq rappreżentattiv wieħed fi Stat Membru, għandha titiqies il-medja kkoreġuta tal-prezzijiet irreġistrati f'dawn is-swieq.
- (9) Sabiex ikun żgurat li l-prezzijiet irrapportati jkunu jirrappreżentaw il-produzzjoni nazzjonali, jinħtieġ li, għar-reġistrazzjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jitħallew jagħżlu persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jagħmlu kummerċ fi, jew jibagħtu għall-qatla, għadd sostanzjali tal-kategoriji rilevanti ta' annimali bovini.
- (10) Fin-nuqqas tar-reġistrazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq pubbliċi jew mill-operaturi tal-biċċerji, jew minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi maħtura, għandu jiġi pprovdut li l-prezzijiet jiġu rreġistrati mill-kmamar tal-agrikoltura, fiċ-ċentri tal-kwotazzjonijiet, il-kooperattivi tal-bdiewa jew il-unions tal-bdiewa u sorsi affidabbli oħrajn fl-Istat Membru kkonċernat.
- (11) F'każ li l-Istati Membri jkunu waqqfu kumitati reġjonali biex jistabbilixxu l-prezzijiet ta' ċerti kategoriji ta' annimali bovini, għandhom isiru provvedimenti li l-prezzijiet iddeterminati minn daww il-kumitati jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-prezz nazzjonali, sakemm is-sħubija tagħhom tkun tiżgura approċċ ibbilanċjat u oġġettiv.
- (12) Bil-ħsieb li jsir monitoraġġ tar-rapportar tal-prezzijiet tal-kategoriji rilevanti ta' annimali bovini, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li jikkomunikaw perjodikament ċerta informazzjoni lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2273/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 għal dak li jirrigwarda l-istħarriġ ta' prezzijiet ta' ċerti annimali bovini fis-swieq rappreżentattivi tal-Komunità (ĠU L 347, 20.12.2002, p. 15).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 tal-10 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-iskali tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal, u tal-laħam tan-nagħaġ u r-rapportar tal-prezzijiet tagħhom (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 3).

- (13) Għandhom isiru provvedimenti biex il-prezz medju nazzjonali jintbagħat lill-Kummissjoni permezz ta' mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni.
- (14) L-Istati Membri jistgħu, minħabba regolamenti veterinarji jew tal-protezzjoni tas-saħħa, isibu li jkun hemm bżonn jieħdu miżuri li jaffettwaw il-kwotazzjonijiet. F'tali ċirkustanzi, huma u jiġu rreġistrati l-prezzijiet tas-swieq mhux dejjem ikun xieraq li jitqiesu l-kwotazzjonijiet li ma jirriflettux it-tendenza normali tas-suq. Konsegwentement, għandhom ikunu stabbiliti ċerti regoli li jippermettu lill-Kummissjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat biex jinjora l-prezzijiet irreġistrati jew li juża l-aħħar prezzijiet irreġistrati.
- (15) Huwa meħtieġ li jkun ipprovdut li Stati Membri għandhom jieħdu ċerti miżuri sabiex jiżguraw ir-rappreżentattività u l-eżattezza tal-prezzijiet irrapportati. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dawk il-miżuri.
- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-prezz medju tal-Unjoni, għal kull ras, ta' għoġġela maskili li jkollhom bejn tmint ijiem u erba' ġimgħat għandu jkun il-medja tal-prezzijiet irreġistrati għal għoġġela maskili għat-trobbija għall-ħalib u għoġġela maskili għat-trobbija għaċ-ċanga fis-swieq rappreżentattivi tal-Istati Membri b'seħem importanti fil-produzzjoni u l-kummerċ ta' dawk l-għoġġela kif imsemmi fl-Anness I, li għandha tkun ikkoreġuta b'koeffiċjenti stabbiliti fuq il-bażi ta':

- (a) fir-rigward ta' għoġġela maskili għat-trobbija għall-ħalib, in-numru ta' baqar tal-ħalib irreġistrati fl-Unjoni, kif trażmess f'konformità mal-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1165/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
- (b) f'dak li għandu x'jaqsam ma' għoġġela maskili għat-trobbija għaċ-ċanga, in-numru ta' baqar irreġistrati fl-Unjoni, kif trażmess f'konformità mal-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1165/2008.

2. Il-prezzijiet li għandhom jiġu rrapportati għal kull tip ta' għoġġela msemija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati fis-swieq pubbliċi jew minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinnegozjaw numru sostanzjali ta' dawk it-tipi ta' għoġġela u jkunu maħtura mill-Istat Membru.

Dawk il-prezzijiet għandhom ikunu l-medja tal-prezzijiet imħallsa f'dak l-Istat Membru fl-istess l-istadju tal-bejgħ bl-ingrossa, bit-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") mhux inkluża, għat-tip ikkonċernat u kkoreġuta b'koeffiċjenti li jirriflettux l-proporzjon relattiv tal-kwalitajiet differenti ta' għoġġela maskili għat-trobbija definiti mill-Istat Membru u l-importanza relattiva ta' kull suq.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1165/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-istatistika dwar il-bhejgħ u l-laħam u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 1).

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

- (a) "għoġol maskili għat-trobbija tat-tip tal-ħalib" tfisser għoġol maskili għat-trobbija minn razza ta' baqar għall-ħalib;
- (b) "għoġol maskili għat-trobbija tat-tip taċ-ċanga" tfisser għoġol maskili għat-trobbija minn razza ta' baqar għal-laħam, minn razza ta' baqar biż-żewġ użi, jew imwieled minn taħlit ma' razza ta' baqar għal-laħam.

Artikolu 2

1. Il-prezz medju tal-Unjoni, għal kull kilogramma ta' piż ħaj, ta' bovini għat-tismin għandu jkun il-medja tal-prezzijiet irreġistrati għal bovini għat-tismin ta' età żgħira, bovini maskili għat-tismin ta' sena u bovini femminili għat-tismin ta' sena fis-swieq rappreżentattivi tal-Istati Membri b'seħem importanti fil-produzzjoni u l-kummerċ ta' dawk il-baqar kif imsemmi fl-Anness II, li għandha tkun ikkoreġuta b'koeffiċjenti stabbiliti fuq il-bażi ta':

- (a) fir-rigward tal-bovini għat-tismin ta' età żgħira, in-numru ta' bovini li ma jkollhomx aktar minn sena u ma jkunux għall-qatla irreġistrati fl-Unjoni, kif trażmess skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1165/2008;
- (b) fir-rigward ta' bovini maskili għat-tismin ta' sena, in-numru ta' bovini maskili li jkollhom iktar minn sena iżda inqas minn sentejn irreġistrati fl-Unjoni, kif trażmess skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1165/2008;
- (c) fir-rigward ta' bovini femminili għat-tismin ta' sena, in-numru ta' bovini maskili li jkollhom iktar minn sena iżda inqas minn sentejn u li jkunu għadhom ma kellhomx għoġġela, irreġistrati fl-Unjoni, kif trażmess skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1165/2008.

2. Il-prezzijiet li għandhom jiġu rrapportati għal kull tip ta' bovini għat-tismin imsemija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati fis-swieq pubbliċi jew minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinnegozjaw numru sostanzjali tal-bovini għat-tismin rilevanti u jkunu maħtura mill-Istat Membru.

Dawk il-prezzijiet għandhom ikunu l-medja tal-prezzijiet imħallsa f'dak l-Istat Membru fl-istess l-istadju tal-bejgħ bl-ingrossa, bit-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") mhux inkluża, għat-tip ikkonċernat u ikkoreġuta b'koeffiċjenti li jirriflettux l-proporzjon relattiv tal-kwalitajiet differenti tal-bovini għat-tismin definiti mill-Istat Membru u l-importanza relattiva ta' kull suq.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

- (a) "bovini għat-tismin ta' età żgħira" tfisser bovini maskili jew femminili li jkollhom sitt xhur jew aktar iżda anqas minn 12-il xahar, mixtrija wara li jinfatmu biex jissemmnu;
- (b) "bovini għat-tismin ta' sena" tfisser bovini maskili jew femminili li jkollhom 12-il xahar jew aktar iżda inqas minn 24 xahar, mixtrija biex jissemmnu.

Artikolu 3

1. Il-prezz medju tal-Unjoni, għal kull 100 kg ta' piż tal-karkassa, ta' għoġġiela maqtula fl-età ta' inqas minn tmien xhur għandu jkun il-medja tal-prezzijiet irreġistrati għal daww l-għoġġiela fis-swieq rappreżentattivi tal-Istati Membri b'sehem importanti fil-produzzjoni kif imsemmi fl-Anness III, li għandha tkun ikkoreġuta b'koeffiċjenti stabbiliti fuq il-bażi tal-produzzjoni netta ta' daww l-għoġġiela fl-Unjoni.

2. Il-prezz li jiġi rrapportat għall-karkassi tal-għoġġiela msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati mill-operaturi ta' kull biċċerija li toqtol tali għoġġiela jew minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jibagħtu numru sostanzjali ta' tali għoġġiela għat-tbiċċir u li jkunu maħtura mill-Istat Membru.

Dak il-prezz għandu jkun il-medja tal-prezzijiet imħallsa f'dak l-Istat Membru fl-istadju tad-dħul fil-biċċerija, mingħajr VAT, għall-karkassi tal-għoġġiela kkonċernati u ikkoreġuta b'koeffiċjenti li jirriflettu l-proporzjon relattiv tal-kwalitajiet differenti ta' karkassi definiti mill-Istat Membru u l-importanza relattiva ta' kull suq.

3. Bl-iskop tal-istabbiliment tal-prezzijiet tas-suq li għandhom jiġu rrapportati, il-karkassa għandha tiġi ppreżentata:

- (a) mingħajr ir-ras u mingħajr is-saqajn; ir-ras għandha tkun isseparata mill-karkassa fil-ġoġ atlojdo-oċċipitali u s-saqajn għandhom jinqatgħu minn mal-ġoġi karpometakarpali jew tarsometatarsali;
- (b) mingħajr l-organi li jinstabu fil-vojt toraċiku u dak addominali, u mingħajr il-kliewi, ix-xaħam tal-kliewi, ix-xaħam pelviku, u l-falda l-irqia u l-ħoxna;
- (c) mingħajr l-organi sesswali u l-muskoli mwaħħlin magħhom;
- (d) mingħajr ma jitneħħa x-xaħam ta' barra.

Meta, fil-mument tal-użin, il-preżentazzjoni tal-karkassa tvarja mill-preżentazzjoni prevista fl-ewwel sottoparagrafu, il-piż tal-karkassa għandu jkun aġġustat bl-applikazzjoni ta' fatturi korrettivi speċifikati mill-Istat Membru sabiex ikun hemm konformità mal-preżentazzjoni ta' referenza. F'dan il-każ, il-prezz għal kull 100 kg tal-piż tal-karkassa għandu jkun aġġustat kif xieraq.

4. Il-piż tal-karkassa li għandu jitqies għar-rappurtar tal-prezzijiet tas-suq għandu jkun il-piż kiesaħ tal-karkassa.

Il-piż kiesaħ tal-karkassa għandu jikkorrispondi mal-piż sħun li jittieħed mhux aktar tard minn siegħa wara li l-annimal jidden-del, bi tnaqqis ta' 2 %.

Artikolu 4

1. Fin-nuqqas tar-reġistrazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq pubbliċi jew mill-operaturi tal-biċċeriji jew mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fl-Artikoli 1(2), 2(2) u 3(2), il-prezzijiet għandhom jiġu rreġistrati mill-kmamar tal-agrikoltura, iċ-ċentri tal-kwotazzjoni, il-kooperattivi tal-bdiewa jew il-unions tal-bdiewa fl-Istat Membru kkonċernat.

Madankollu, fejn Stat Membru jkun stabbilixxa kumitat biex jiddetermina l-prezzijiet għal reġjun, u fejn is-sħubija ta' dan il-kumitat tkun magħmula b'mod indaqs minn xerrejja u bejjiegħa ta' ċerti kategoriji ta' annimali bovini jew karkassi ta' dawn l-annimali, dak l-Istat Membru jista' jużahom għall-kalkolu tal-prezzijiet li għandhom jiġu rrapportati.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni s-swieq rappreżentattivi tagħhom, il-kwalitajiet li għandhom jiġu definiti u l-koeffiċjenti korrettivi msemmija fl-Artikoli 1(2), 2(2) u 3(2), kif ukoll il-fatturi korrettivi msemmija fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 3(3) mhux iktar tard mill-1 ta' Ġunju 2014 u minn dakinhar 'il quddiem mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju ta' kull sena.

Fir-rigward tas-swieq rappreżentattivi, il-komunikazzjoni għandha tinkludi:

- (a) il-metodu ta' stħarriġ applikat flimkien ma' indikazzjoni tat-tipi ta' sorsi għar-reġistrazzjoni tal-prezzijiet imsemmija f'dan ir-Regolament;
- (b) indikazzjoni tas-sehem tal-volum irreġistrat, għal kull tip ta' sors għar-reġistrazzjoni tal-prezzijiet, espress bħala persentaġġ ta' kull kategorija rilevanti ta' annimali bovini nnegozjati jew maqtula.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sottoparagrafu lill-Istati Membri l-oħra.

3. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn nofsinhar (12:00), ħin ta' Brussell, nhar ta' Erbgħa ta' kull ġimgħa, il-prezzijiet medji nazzjonali għal kull tip ta' annimali bovini msemmijin fl-Artikoli 1(1), 2(1) u 3(1) irreġistrati fis-swieq rappreżentattivi rispettivi tagħhom. Huma ma għandhomx jikkomunikaw daww il-prezzijiet lil xi korp ieħor qabel huma jkunu kkomunikawhom lill-Kummissjoni.

Daww il-prezzijiet għandhom jirrelataw mal-perjodu ta' sebat ijiem mit-Tnejn sal-Ħadd tal-ġimgħa ta' qabel dik li fiha tiġi kkomunikata l-informazzjoni.

Il-prezzijiet irrapportati għandhom jiġu espressi f'euro jew, fejn japplika, fil-munita nazzjonali.

Għall-komunikazzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jużaw mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni disponibbli lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

Artikolu 5

Il-Kummissjoni għandha perjodikament tirrevedi l-koeffiċjenti ta' kalkolu mniżżla fl-Artikoli 1(1), 2(1) u 3(1) biex iqisu x-xejriet irreġistrati fil-livelli nazzjonali u l-livell tal-Unjoni.

Wara kull reviżjoni l-Kummissjoni għandha tikkomunika l-koeffiċjenti tal-korrezzjoni riveduti lill-Istati Membri.

Artikolu 6

Meta Stat Membru jieħu l-miżuri għar-raġunijiet veterinarji u ta' protezzjoni ta' saħħa li jaffettwaw il-moviment normali fil-prezzijiet reġistrati fis-suq jew swieq rappreżentattivi tiegħu, il-Kummissjoni tista' tawtorizzah jew li jinjora l-prezzijiet reġistrati fis-suq jew swieq inkwistjoni, jew li juża l-aħħar prezzijiet reġistrati fis-suq jew swieq inkwistjoni qabel ma dawn il-miżuri daħħlu fis-seħħ.

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-miżuri meħtieġa sabiex tiġi żgurata r-rappreżentattività u l-eżattezza tal-prezzijiet kkomunikati skont l-Artikolu 4 u għandhom jinfurmaw lill-

Kummissjoni b'dawn il-miżuri mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2014 u minn dakinhar 'il quddiem sa xahar wara kull emenda li jkollha x'taqsam ma' daww il-miżuri.

Artikolu 8

Ir-Regolament (KE) Nru 2273/2002 huwa rrevokat.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mit-1 ta' Lulju 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

Lista tal-Istati Membri li jirrappurtaw il-prezzijiet tal-għoġġiela maskili għat-trobbija tat-tip tal-ħalib u taċ-ċanga kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)

A. Stati Membri li jirrappurtaw il-prezzijiet tal-għoġġiela maskili għat-trobbija tat-tip tal-ħalib:

Il-Belġju
Id-Danimarka
Il-Ġermanja
L-Irlanda
Spanja
Franza
L-Italja
Il-Pajjiżi l-Baxxi
L-Awstrija
Il-Polonja
Ir-Rumanija
Ir-Renju Unit

B. Stati Membri li jirrappurtaw il-prezzijiet tal-għoġġiela maskili għat-trobbija tat-tip taċ-ċanga:

Il-Belġju
Il-Ġermanja
L-Irlanda
Spanja
Franza
L-Italja
Il-Pajjiżi l-Baxxi
L-Awstrija
Il-Polonja
Il-Portugall
Ir-Rumanija
Ir-Renju Unit

ANNEX II

Lista tal-Istati Membri li rrapportaw il-prezzijiet tal-bovini għat-tismin ta' età żgħira u bovini għat-tismin ta' sena kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)

A. Stati Membri li jirrapportaw il-prezzijiet tal-bovini għat-tismin ta' età żgħira:

Il-Belġju
Il-Ġermanja
L-Irlanda
Spanja
Franza
L-Italja
L-Awstrija
Il-Polonja
L-Isvezja
Ir-Renju Unit

B. Stati Membri li jirrapportaw il-prezzijiet tal-bovini maskili għat-tismin ta' sena:

Il-Belġju
L-Irlanda
Spanja
Franza
L-Italja
L-Awstrija
L-Isvezja
Ir-Renju Unit

C. Stati Membri li jirrapportaw il-prezzijiet tal-bovini femminili għat-tismin ta' sena:

Il-Belġju
L-Irlanda
Spanja
Franza
L-Italja
L-Awstrija
L-Isvezja
Ir-Renju Unit

ANNEX III

Lista tal-Istati Membri li jirrappurtaw il-prezzijiet tal-għoġġiela maqtula fl-età ta' inqas minn tmien xhur kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)

Il-Belġju

Il-Ġermanja

Spanja

Franza

L-Italja

Il-Pajjiżi l-Baxxi
